**Dokument ta' Konsultazzjoni Dwar Emendi fil-Kodiċi**
**Dwar il-Protezzjoni tal-Minuri**

Il-protezzjoni tal-minuri fuq il-mezzi tax-xandir li jistgħu jagħmlu ħsara b'mod serju lill-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minuri huwa suġġett importanti ħafna fil-qasam tax-xandir mhux biss f'Malta iżda fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa.

Il-leġiżlazzjoni sussidjarja dwar il-protezzjoni tal-minuri ilha parti mil-liġi taħt l-Att Dwar ix-Xandir sa minn Settembru 2000. L-aħħar darba li dan l-Avviż Legali ġie emendat kien fl-2010 meta sar tibdil fil-liġi minħabba d-direttiva magħrufa bħala l-AVMS (*Audio-Visual Media Services).*

Peress li kważi l-provedimenti kollha ta' dan l-Avviż Legali jikkonċernaw ir-reklamar, qed tinħass il-ħtieġa li jsiru l-emendi neċessarji sabiex l-Att Dwar ix-Xandir jindirizza aspetti oħra tal-programmi. L-iżvilupp mgħaġġel ta' dawn l-aħħar snin jirrikjedi tibdiliet fil-liġi biex dawn jindirizzaw ir-realtajiet tal-lum. Fost dawn hemm provedimenti ġodda dwar l-iżvilupp personali u soċjali tat-tfal, inkluż taqsima dwar diversità u sterjotipi. Proposta oħra hija li għall-finijiet tax-xandir, 'minuri' tfisser tfal taħt is-sittax-il sena.

L-Awtorità tax-Xandir qed tniedi proċess ta' konsultazzjoni dwar dan l-abbozz bil-ħsieb li fil-ġimgħat li ġejjin jiġi emendat l-Avviż Legali attwali dwar il-protezzjoni tal-minuri. Stazzjonijiet tat-televiżjoni u r-radju, djar tal-produzzjonijiet u dawk kollha li jixtiequ jagħmlu xi sottomissjoni dwar dan id-dokument huma mitluba jagħmlu dan mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 15 t'Ottubru 2014.

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281,21247908 Fax:+356)21 21240855
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

Sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu jew permezz tal-*email*: info.ba@ba.org.mt jew inkella indirizzati lil:

Kap Eżekuttiv,
L-Awtorità tax-Xandir,
7, Triq Mile End,
Il-Ħamrun HMR1719.

Pierre Cassar
Kap Eżekuttiv

5 ta' Settembru 2014

**KODIĊI**
**GĦALL-PROTEZZJONI, IL-BENESSERI U L-ŻVILUPP**
**TAL-MINURI FIL-MEZZI TAX-XANDIR**

Il-leġiżlazzjoni proposta hi maqsuma f'dawn it-taqsimiet:

1. Tifsir u Tfehim
2. Klassifikazzjoni
3. Protezzjoni
4. Reklamar u Kompetizzjonijiet
5. Żvilupp Personali
6. Żvilupp Soċjali: Bini ta' Soċjetà Sana Permezz ta' Valuri Pożittivi
7. Żvilupp Soċjali: Vjolenza
8. Żvilupp Soċjali: Diversità u Sterjotipi

## TAQSIMA 1 – TIFSIR U TFEHIM

| |
|---|
| 1.1 L-isem ta' dan il-Kodiċi hu 'Il-Kodiċi għall-Protezzjoni, l-Benesseri u l-Iżvilupp tal-Minuri fil-Mezzi tax-Xandir.' |
| |
| 1.2 L-espressjonijiet użati f'dan il-Kodiċi għandhom l-istess tifsira li għandhom fl-Att dwar ix-Xandir. |
| |
| 1.3 Termini<br>i. Il-minorenni huma persuni taħt is-sittax-il sena.<br>ii. It-terminu 'Ġenitur' jirreferi għal ġenituri naturali jew mhumiex jew tuturi skont il-każ, li huma responsabbli mill-kustodja fiżika, kura u l-kontroll tal-minuri. |

## TAQSIMA 2 – KLASSIFIKAZZJONI

| |
|---|
| 2.1 Il-Klassifikazzjoni<br>i. U f'ċirku aħdar għal programmi universali<br>ii. PG f'ċirku isfar għal programmi li hemm bżonn l-akkompanjament ta' ġenitur<br>iii. 12A f'ċirku blu għal programmi tajba għal tfal minn tnax-il sena 'l fuq. Jekk ikun hemm tfal ta' anqas minn tnax-il sena jridu jaraw il-programm ma' ġenitur. |

| |
|---|
| iv. 15 f'ċirku kannella. Il-programm hu tajjeb għal adoloxxenti minn ħmistax-il sena 'l fuq.<br>v. 18 f'ċirku aħmar. Dawn il-programmi huma tajba għal persuni adulti (li fihom jista' jkun hemm xeni ta' vjolenza, kliem ħażin, dagħa, xeni sesswali espliċiti jew xeni ta' dispramentqawwi).<br>vi. L-ebda materjal pornografiku ma jista' jintwera (Ara l-Kodiċi Kriminali). |
| |
| 2.2 Il-klassifikazzjoni għandha tidher matul it-trażmissjoni kollha ta' dak il-programm.<br>i. Il-klassifikazzjoni għandha tkun tidher ukoll fuq l-EPG.<br>ii. Fi programm tar-radju x-xandar għandu jxandar avviż ta' klassifikazzjoni tal-programm qabel ma jibda l-programm u wara kull intervall. |
| |
| 2.3 Ħin addattat għal programmi mmirati għall-adulti<br>Programmi maħsuba għall-kbar għandhom jixxandru biss wara d-disgħa ta' filgħaxija. Id-disgħa ta' filgħaxija għandu jkun il-ħin fiss sa meta x-xandara jħossuhom marbutin u responsabbli biex jiżguraw li ma jintweriex materjal mhux addattat għat-tfal. |
| |
| 2.4 Klassifikazzjoni parzjali<br>i. L-istazzjonijiet iridu javżaw meta rkejjen partikolari fi programmi, li normalment tkun tista' tarahom il-familja kollha, mhumiex addattati għat-tfal.<br>ii. Is-simbolu tal-klassifikazzjoni għandu jibqa' jidher matul il-ħin fejn qed jixxandar il-materjal addattat għal udjenza aktar matura. |
| |
| 2.5 Minuri jistgħu jkunu fl-udjenza sakemm<br>(i) il-klassifikazzjoni tal-programm tkun adattata għalihom.<br>(ii) fi programm ikklassifikat bħala PG jkunu akkumpanjati minn ġenitur.<br>(iii) il-programm ma jitrattax temi adulti, inkluż suġġetti dwar tbatija fiżika, psikoloġika jew emozzjonali. |

## TAQSIMA 3 – PROTEZZJONI

| |
|---|
| 3.1 L-istazzjonijiet irid ikollhom persuni inkarigati responsabbli mill-klassifikazzjonijiet tal-programmi. |
| |
| 3.2 Promozzjonijiet għall-programmi<br>Il-kontenut tal-promozzjonijiet tal-programmi m'għandhux jinkludi vjolenza gratwita u materjal ieħor addattat għal udjenza matura. Dawn il-promozzjonijiet għall- |

programmi jistgħu jixxandru matul il-ġurnata sakemm jkun hemm il-klassifikazzjoni tal-episodju partikolari.

3.3 Mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 16K(g), il-kontenut kollu imxandar mill-istazzjon m'għandux jinkludi materjal li jista' jirriżulta fi ħsara sew fiżika, sew mentali, sew morali, għall-minuri.

3.4 Il-Permess

L-istazzjon għandu jassigura ruħu li jkollu l-permess meħtieġ mingħand il-ġenituri jew it-tuturi fil-każ li jkunu ser jiġbdu filmat għal aħbarijiet, *vox-pops*, intervisti jew kwalunkwe programm ieħor li fih ser jiġu jidhru t-tfal.

3.5 Kull sitwazzjoni fejn il-minuri jintwerew jew jinstemgħu għandhom jitqiesu b'attenzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà. Il-minuri ma għandhomx jintwerew f'sitwazzjonijiet li jikkompromettu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom, b'mod partikolari l-minuri m'għandhomx jintwerew:

i. qed jixxabbtu, telgħin ma' postijiet perikolużi jew deħlin f'postijiet perikolużi, jew jilagħbu b'mod irresponsabbli fi/jew ħdejn l-ilma;
ii. jużaw mediċini, disinfettanti, antisettiċi u sustanzi velenużi jew li jintlaħqu jew jiġu użati mill-minuri mingħajr is-superviżjoni mill-qrib ta' persuna adulta
iii. jużaw sulfarini, jew xi gass, petrol, pitrolju, jew xi apparat li jaħdem b'mod mekkaniku jew bid-dawl mingħajr superviżjoni
iv. jilagħbu b'ġugarelli f'għamla jew jixbhu lil armi.

3.6 Tfal li mhumiex eleġibbli li jagħmlu użu mis-*social media* minħabba kriterji, fosthom l-età tagħhom, m'għandhomx jintwerew jew jiġu imħeġġa li jagħmlu dan. Il-preżentaturi għandhom l-obbligu li jinfurmaw lis-semmiegħa jew lit-telespettaturi bil-kundizzjonijiet biex wieħed jagħmel użu mis-*social media.*

3.7 L-użu illegali ta' droga, l-abbuż ta' droga, tipjip, *solvents* u l-użu ħażin tal-alkoħol:

i. ma jistgħux jidhru fi programmi immirati primarjament għat-tfal jew fi programmi oħra li jistgħu jarawhom minuri jekk ma jkun hemm ġustifikazzjoni editorjali qawwija;
ii. ġeneralment għandhom ikunu evitati u ma jiġux promossi, inkoraġġiti jew jiġu murija li jżidu l-faxxinu fi programmi li jixxandru qabel id-disgħa ta' filgħaxija jekk

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281,21247908 Fax:+356)21 21240855
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

| |
|---|
| ma hemmx ġustifikazzjoni editorjali b'saħħitha. |
| |
| 3.8 Jeħtieġ attenzjoni u diskrezzjoni partikolari meta l-kuntest jitlob li jidhru minuri għarwenin jew fi stat ta' ftit ħwejjeġ fuqhom. |
| |
| 3.9 Materjal sesswali<br>L-ebda materjal li primarjament qiegħed biex iqanqal jew jistimola sesswalment ma jista' jixxandar fil-programmi immirati għat-tfal jew qabel id-disgħa ta' filgħaxija. |
| |
| 3.10 Ir-rapurtaġġ ta' offiżi sesswali u oħrajn<br>Meta hemm restrizzjonijiet legali japplikaw biex jipprevenu identifikazzjoni ta' persuni, ix-xandara għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex ma tingħatax informazzjoni li tista' tiddentifika minuri li huma jew jistgħu jkunu vittmi, xhieda, konvenuti jew awturi f'każ ta' offiża sesswali fil-Qorti Ċivili, tal-familja jew tal-kriminal billi:<br>i) jirrappurtaw informazzjoni limitata li tista' tiġi mwaħħda flimkien ma' biċċiet ta' informazzjoni minn xi mkien ieħor bħal pereżempju rapporti fil-gazzetti;<br>ii) b'nuqqas ta' ħsieb jiddeskrivu l-offiża bħala inċest jew b'mod indirett ieħor. |
| |
| 3.11 Parteċipazzjoni tal-minuri fi programmi politiċi<br>i. It-tfal m'għandhomx ikunu inkwadrati mill-qrib jew intervistati b'mod li jintgħarfu, meta jkun qed jinġibed filmat għall-attività ta' natura politika partiġġjana.<br>ii. Minuri ma għandhomx jidhru u lanqas jieħdu sehem fi programmi ta' natura politika partiġġjana.<br>iii. Il-minuri ma jistgħux jidhru f'reklamar ta' natura politika partiġġjana. |
| |
| 3.12 Lingwaġġ offensiv ma jistax jixxandar bejn is-sitta ta' filgħodu u d-disgħa ta' filgħaxija jekk m'hemmx ġustifikazzjoni editorjali u huwa ġġustifikat fil-kuntest.<br>Lingwaġġ offensiv ma jistax jixxandar fi programmi magħmula għat-tfal. |
| |
| 3.13 Il-Paranormal<br>i. Xandir ta' eżorċiżmu, prattiċi tal-okkult u l-paranormal ma jistgħux jixxandru bejn is-sitta ta' filgħodu u d-disgħa ta' filgħaxija.<br>ii. Prattiċi paranormali li huma għad-divertiment tat-telespettaturi u tas-semmiegħa tar-radju ukoll iridu jixxandru wara d-disgħa ta' filgħaxija. (Din ir-regola ma tapplikax għal programmi ta' drama, films jew sensiliet komiċi). |

## TAQSIMA 4 – REKLAMAR U KOMPETIZZJONIJIET

4.1 It-trażmissjoni ta' programmi għat-tfal tista' tkun interrotta għal reklamar biss jekk il-programm ikun twil tal-anqas tletin minuta u tista' tkun interrotta, f'dan il-każ, mhux aktar minn darba kull tletin minuta.

4.2 Il-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva u r-reklamar li jissemma hawn taħt ma għandux jiġi trażmess sa tletin minuta qabel il-programm, waqt il-programm u sa tletin minuta wara l-programm għat-tfal:

- i. xorb alkoħoliku;
- ii. mediċini;
- iii. vitamini jew prodotti li jintużaw minn min ikun bid-dieta;
- iv. prodotti, kura u stabbilimenti għal min irid jirqaq;
- v. promozzjonijiet għal programmi klassifikati bħala għall-kbar biss;
- vi. lotteriji jew logħob simili tal-azzard;
- vii. *soft-drinks*, *cordials*, meraq tal-frott naturali jew ikkonċentrat, ilma bil-vitamini miżjuda, ilma minerali b'togħmiet differenti, *energy* u *sports drinks* u xorb li fih il-kaffeina;
- viii. ikel u xorb li fih kontenut għoli ta' xaħam trans, melħ jew zokkor, xiroppi ħelwin, ross abjad, prodotti magħmulin mid-dqiq abjad, GMO, kuluri, kimiċi jew preservattivi artifiċjali.

Telebejgħ m'għandux jixxandar qabel u wara programmi għat-tfal.

4.3 Reklamar u / jew telebejgħ għall-ħelu u ikel ħafif ma għandhomx jissuġġerixxu li tali prodotti jistgħu jissostitwixxu ikla bilanċjata.

4.4 Ir-reklamar u / jew telebejgħ ma għandux jieħu vantaġġ mill-immaturità jew mill-kredultà naturali tal-minuri. Peress li t-tfal ivarjaw fl-abbiltà tagħhom biex jagħrfu bejn ir-realtà u l-fantasija skont l-età tagħhom u l-kapaċitajiet individwali tagħhom, ir-reklamar indirizzat lejn il-minuri ma għandux jesaġera jew iqarraq dwar xi fattizzi, inkuż il-kobor, il-kwalitajiet jew il-kapaċitajiet ta' prodotti jew servizzi.

4.5 Ir-reklamar u / jew telebejgħ ma għandux jieħu vantaġġ mis-sens ta' lealtà tal-minuri jew jissuġġerixxi li, kemm-il darba il-minuri ma jixtrux jew ma jinkoraġixxux lil persuni oħra li jixtru xi prodott jew servizz, huma jkunu qed jonqsu f'xi dover tagħhom jew ikunu qed jonqsu fil-lealtà.

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281,21247908 Fax:+356)21 21240855
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

| |
|---|
| 4.6 Ir-reklamar u /jew telebejgħ ma għandux iwassal lill-minuri jemmnu li kemm-il darba huma ma jkollhomx jew ma jużawx prodott reklamat huma jkunu inferjuri b'xi mod għall-minuri l-oħra jew suġġett għal disprezz jew ridikulaġni. |
| |
| 4.7 Ir-reklamar ma għandux iħeġġeġ lill-minuri li jixtru jew jikru prodotti jew servizzi jew jitolbu lill-adulti li jixtrulhom prodotti jew servizzi. |
| |
| 4.8 Ir-reklamar ma għandux jistieden lill-minuri li jixtru prodotti jew servizzi permezz ta' komunikazzjoni magħmula mill-bogħod li tinkludi l-posta, telefon, kompjuter, *e-mail* jew internet. |
| |
| 4.9 Il-wiri ta' logo ta' *sponsorship* waqt programmi għat-tfal għandu jkun projbit. |
| |
| 4.10 Jekk il-minuri jintwerew fi programmi ta' xorta kummerċjali, huma ma għandhomx jintwerew jippreżentaw prodotti jew servizzi li huma stess ma jkunux mistennija li jixtru. |
| |
| 4.11 Il-minuri ma għandhomx jagħmlu kummenti sinifikanti dwar karatteristiċi u prodotti u servizzi li dwarhom huma mhumiex mistennija li jkollhom konoxxenza diretta. |
| |
| 4.12 Il-minuri ma għandhomx jagħtu xhieda huma nfushom dwar prodotti u servizzi. Madankollu, huma jistgħu jagħmlu kummenti spontanji dwar dak kollu li huma jkollhom interess naturali ovvju fih. |
| |
| 4.13 It-tqegħid tal-prodott mhuwiex permessibbli waqt programmi għat-tfal. |
| |
| 4.14 Kull referenza għal kompetizzjonijiet għall-minuri tkun aċċettabbli sakemm kull kapaċità meħtieġa hija xierqa għall-età tal-parteċipanti li x'aktarx ikunu ser jieħdu sehem u l-valur tal-prezzijiet u ċ-ċans ta' rebħ ma jkunux esaġerati. L-ebda prova ta' xiri ma għandha tiġi mitluba mingħand dawk il-minuri li jixtieqis jipparteċipaw f'dawk il-kompetizzjonijiet. |
| |
| 4.15 Ix-xandar għandu l-obbligu li jgħarraf lill-minuri bil-kundizzjonijiet kollha meta jiġu offruti premjijiet b'xejn. |

## TAQSIMA 5 – ŻVILUPP PERSONALI

| |
|---|
| 5.1 Meta l-adulti jindirizzaw it-tfal għandhom jagħmlu dan b'rispett lejn id-dinjità tagħhom u m'għandhomx jużaw lingwaġġ jew attitudni patronizzanti. |
| |
| 5.2 Il-programmi tat-tfal għandhom jippromwovu stil ta' ħajja fiżika sana u jindirizzaw it-temi ta' ikel nutrittiv, sport u eżerċizzju u passatempi. L-ebda riċetta li fiha ingredjenti imsemmija f'paragrafu 4.2 (vii) u (viii) ma tista' tiġi ppreparata waqt il-programm. |
| |
| 5.3 Il-programmi tat-tfal għandhom jippromwovu stil ta' ħajja psikoloġika sana. |
| |
| 5.4 It-tfal fil-midja iridu jiġu murija b'manjieri tajba u jafu jġibu ruħhom. Fil-programmi inkluż fir-reklami hu mistenni li jiġi muri atteġġjament pożittiv u rispettuż lejn il-preżentaturi, tfal oħra u lejn it-telespettaturi (sakemm ma jkunx editorjalment ġustifikat fid-drama jew il-kuntest ma jurix mod ieħor). |
| |
| 5.5 Il-kontenut tal-programmi għandu jistimula l-immaġinazzjoni tat-tfal u jestendi l-fehma tagħhom tad-dinja. |
| |
| 5.6 Il-programmi tat-tfal għandhom ikunu interattivi. L-interazzjoni għandha ssir kemm mal-udjenza preżenti kif ukoll mat-telespettaturi. Il-komunikazzjoni għandha tkun adegwata u t-tfal m'għandhomx jintużaw biex jimlew l-istudjow jew bħala riċevituri passivi tal-informazzjoni. |
| |
| 5.7 Il-programmi għat-tfal għandhom ikunu kreattivi u jallokaw spazju għall-kreattività tat-tfal. |
| |
| 5.8 Il-programmi tat-tfal għandhom ikunu aċċessibbli. Il-produtturi għandhom jagħmlu kull ma jistgħu biex iżidu l-istampi jew kliem fuq l-iskrin meta jkunu qed jispjegaw kif ukoll jippruvaw li jkun hemm għall-inqas partijiet mill-programm fejn tintuża l-lingwa tas-sinjali. |
| |
| 5.9 Ripetizzjonijiet għandhom jintwerew biss jekk ikunu għadhom relevanti. |
| |
| 5.10 It-tfal m'għandhomx jimitaw lill-adulti meta jimmudellaw, ikantaw jew jiżfnu.<br>i. It-tfal għandhom ikunu mlibbsa ħwejjeġ adattati u l-ġesti għandhom ikunu |

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281,21247908 Fax:+356)21 21240855
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

| |
|---|
| adegwati għat-tfal u mhux ikkuppjar tal-ġesti tal-adulti.<br>ii. Fl-ebda okkażjoni dawn il-ġesti m'għandhom ikunu provokanti.<br>iii. Il-kanzunetti magħżula biex jinżifnu jew jitkantaw mit-tfal m'għandhomx ikunu ta' natura adulta u lanqas m'għandhom ikollhom konnotazzjoni esplicita jew implicita ta' natura sesswali.<br>iv. L-immudellar m'għandux ikun b'mod kompetittiv.<br>v. Kompetizzjonijiet marbuta mas-sbuħija ma jistgħux jixxandru fi programmi għat-tfal. |
| |
| 5.11 Tajjeb li f'kull skeda, rokna jew programm dwar is-sussegwenti jkunu inklużi:<br>i. Tagħlim dwar l-edukazzjoni tal-midja. Tagħlim għandu jiġi offrut lit-tfal u adoloxxenti ta' kif jaċċessaw, jipproċessaw, jevalwaw, jistaqsu u janalizzaw il-materjal televiżiv provdut.<br>ii. Aħbarijiet, ġrajjiet kurrenti u programmi kulturali u artistiċi immirati għalihom. |

## TAQSIMA 6 – ŻVILUPP SOĊJALI: BINI TA' SOĊJETÀ SANA PERMEZZ TA' VALURI POŻITTIVI

| |
|---|
| 6.1 Peress li t-tfal minn età żgħira jassorbu informazzjoni dwar in-normi tas-soċjetà li jgħixu fiha, l-ebda kontenut li jixxandar ma jista' jmur kontra l-valuri tas-soċjetà. |
| |
| 6.2 L-adulti għandhom ġeneralment jintwerew b'mod pożittiv. Meta jixxandar atteġġjament negattiv tal-adulti, dan għandu jsir biss biex jgħallem li dan l-istess atteġġjament mhux tollerat. |
| |
| 6.3 Tfal m'għandhomx jipparteċipaw b'mod dirett jew indirett fi programmi li huma bbażati fuq ix-xorti u logħob tal-azzard u / jew fi programmi li fihom ikun hemm rebħ marbut max-xorti. |
| |
| 6.4 L-attitudni soċjali ħażina (bħall-vandaliżmu, l-aggressjoni, imġiba kriminali jew theddid) trid tintwera fil-kruha kollu tagħha u qatt ma tista' tkun aċċettabbli. |
| |
| 6.5 Il-programm, inkluż ir-reklamar imma eskluż id-drama, m'għandux jinkoraġġixxi kondotta anti-soċjali, jew juri minuri li qed iġibu ruħhom b'mod anti-soċjali. Il-vendikazzjonijiet, l-ibbuljar u ċerti espressjonijiet tal-wiċċ u l-movimenti tal-ġisem għandhom kollha jitqiesu bħala anti-soċjali. |
| |

6.6 F’sitwazzjonijiet ta’ kunflitt, dan għandu jidher li jiġi riżolt bl-aħjar mod possibbli.

## TAQSIMA 7 – L-ŻVILUPP SOĊJALI: VJOLENZA

7.1 Il-vjolenza murija u bla mitluba – kemm jekk fiżika, emozzjonali jew psikoloġika - m’għandhiex tidħol fil-programmi tat-tfal.

Jista’ jintwera biss atteġġjament vjolenti meta s-suġġett ikun imfisser u żviluppat tajjeb, muri sewwa fil-kuntest tiegħu u fejn il-konsegwenzi perikolużi u negattivi joħorġu b’mod ċar u realistiku.

7.2 Il-wiri ta’ imġiba kriminali dejjem għandha jkollha l-messaġġ intrinsiku jew overt li din mhix imġiba aċċettabbli.

Il-karattri tal-eroj u l-kattiv għandhom ikunu distingwibbli u jingħarfu minn xulxin u l-istil ta’ ħajja ta’ kriminalità m’għandhiex tkun preżentata bħala stil pożittiv.

7.3 M’għandhomx jintwerew xeni fejn annimali jinħaqru jew ikunu trattati ħażin sakemm xeni bħal dawn ma jkunux jagħmlu parti sħiħa mill-istorja jew maħsuba biex joħolqu għarfien aktar fl-udjenza ta’ kemm għandna nieħdu ħsieb l-annimali.

## TAQSIMA 8 – ŻVILUPP SOĊJALI: DIVERSITÀ U STERJOTIPI

8.1 Il-lingwaġġ u l-atteġġjament użati dwar il-ġeneru, sterjotipi u preġudizzju :-

i. Il-lingwaġġ użat għandu jkun inklussiv u newtrali fis-sens li ma jimplikax ġeneru jew ieħor.
ii. Il-preżentaturi m’għandhomx jużaw lingwaġġ u materjal sterjotipat.
iii. Il-preżentatur m’għandux jitkellem jew juri l-preġudizzji tiegħu jew tagħha kif ukoll għandhom jiġu kkoreġuti minnufih jekk mistiedna jitkellmu b’mod ippreġudikat.
iv. M’għandux ikun muri sterjotipar ta’ persuni u gruppi. Dawn għandhom jiġu murija b’mod sħiħ, b’imġiba, ħsibijiet u għemejjel differenti fis-sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja.

8.2 Id-Diversità

i. Il-produtturi għandhom jistiednu udjenza u mistiedna differenti u varjata, fosthom tfal bniet u subien, Maltin u mhumiex u minn etniċitajiet, b’valuri, tradizzjonijiet u abbiltajiet differenti.

| |
|---|
| ii. Jeħtieġ li tintwera s-sensittività u bilanċ partikolari meta l-preżentaturi jkunu qed jitkellmu dwar il-ġens, l-etniċità, il-lewn, l-età, ir-reliġjon, il-kultura, l-orjentazzjoni sesswali, il-qagħda soċjo-ekonomika u l-abbiltajiet diversi. |
| |
| 8.3 Strutturi ta' Familja<br>i. Il-produtturi tal-programmi tat-tfal għandhom ikunu sensittivi għall-fatt li hemm aktar minn mudell wieħed ta' familja.<br>ii. Familji magħmulin minn ġenitur wieħed, tfal addottati, tfal imrobbija ma' familji u xorta oħra ta' grupp familjari għandhom ikunu rappreżentati. |
| |
| 8.4 Għandha tinstab l-opportunità biex tingħata deskrizzjoni pożittiva ta' persuni individwali jew rappreżentanti ta' grupp li għandhom stil ta' ħajja u opinjonijiet differenti, ħassieba indipendenti u dawk li jridu jgħixu ħajja mhux konvenzjonali sakemm l-imġiba tagħhom ma tkunx kriminali. |